MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2845/2002

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Carmel Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Novembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sitta u sittin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm266.92), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 01805 in rigward ghall-servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Awissu, 2001 u Gunju, 2002;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Settembru, 2002, u bl-imghaxijiet sad-data tal-**

**pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda tal-P.L. Peter Sammut ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u sitta u sittin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm266.92), bl-imghaxijiet legali mill-25 ta' Settembru, 2002 sad-data tal-pagment effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Settembru, 2002, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------